# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Ħamis, 6 ta' April, 2017

**Rik. Nru. 412/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 412/17 fl-ismijiet:

Alexander *sive* Alex **SCHEMBRI**, Arthur Rizzo, Christopher Harmsworth, Manuel Saliba, Anthony Portelli, George Polidano, Lambert Żammit, Gordon Calleja, Kevin Vella, Jason Gilson, Gordon Borġ, Oliver Cassar, Ivan Caruana, Joseph Żammit, Nigel Apap, Mario Fenech, Stefan Decelis, Norman Xuereb, Geoffrey McCarthy, Oliver Vella, Nicolette Attard, Alexandra Galea Sillato

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**, il-Ministru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli

"jibdew jew jissoktaw bil-proċess tal-ħatra għall-għażla ta' surġenti maġġuri fil-Korp tal-Pulizija";

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2017, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati b'għaxart ijiem żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-29 ta' Marzu, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fil-21 ta' Marzu, 2017, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li għall-każ tar-rikorrenti ma joqogħdux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub, u dan minbarra li żiedet tgħid li t-talba tar-rikorrenti hija maħsuba biss biex iddejjaq lil dak li jkun u hija abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji. Iżżid tgħid li ma hemm l-ebda sejħa għall-mili tal-karigi ta' Surġenti Maġġuri bħalissa fil-Korp u li l-biżgħa tar-rikorrenti hija waħda ipotetika biss. Hija tgħid li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd "*prima facie*" biex jingħataw promozzjoni u lanqas huwa minnu li l-Mandat minnhom mitlub huwa meħtieġ ladarba l-ħsara li jilmentaw minnha mhijiex waħda li ma tistax tissewwa;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali fit-23 ta' Marzu, 2017, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li t-talba saret qabel waqtha billi għadu ma nbeda l-ebda proċess għas-sejħa tal-mili tal-karigi li jsemmu r-rikorrenti, u li l-Ministru intimat mhuwiex il-kontradittur leġittimu tat-talba tar-rikorrenti billi huwa ma jidħol bl-ebda mod fil-proċess tal-ħatra ta' surġenti maġġuri fil-Korp tal-Pulizija. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat. B'mod partikolari, jgħidu li l-proċess tal-għażla li minnu jilmentaw ir-rikorrenti ntemm żmien twil qabel it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tal-lum, u li r-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedji li tagħtihom il-liġi biex jindirizzaw xi lmenti li seta' kellhom dwar il-proċess tal-għażla li sar fl-2013. Min-naħa l-oħra, qalu li jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat, il-ħsara li jġarrab il-Korp tal-Pulizija "f'dak li jirrigwarda l-immaniġjar tar-restruttar tiegħu fl-eventwalita' li l-Korp ikollu bżonn iktar uffiċċjali fil-grad ta' Surġenti Maġġuri" jkun akbar minn dak li jġarrbu r-rikorrenti li kieku t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-Kummissarju intimat waqt is-smigħ tad-29 ta' Marzu, 2017, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Marzu, 2017, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-intimati ma jibdewx jew ma jkomplux bil-proċess tal-għażla ta' surġenti maġġuri fil-Korp tal-Pulizija;

Tqis li bħalissa ma hemm fis-seħħ l-ebda proċess ta' sejħa għall-mili tal-karigi fil-grad ta' surġenti maġġuri fil-Korp;

Tqis li r-raġuni li dwarha r-rikorrenti qegħdin imexxu 'l quddiem it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat tal-lum tintrabat ma' sejħa għall-mili ta' postijiet fil-grad ta' surġenti maġġuri tal-Ewwel u tat-Tieni Klassi li saret f'Settembru tal-2013[1], u f'liema sejħa r-rikorrenti kienu applikaw, issejħu għal intervista minn Bord tal-Għażla[2], imma ma ntgħażlux u l-għażla saret f'Novembru ta' dik l-istess sena[3];

Tqis li minn dak il-proċess, kienu tqajmu xi lmenti minn min ma kienx intgħażel u kien hemm min ressaq ilment quddiem il-*Grievances Unit* tal-Korp, li, fil-każ ta' wħud, kien laqa' l-ilment u ngħataw il-grad ta' surġenti maġġuri f'Mejju tal-2016[4];

Tqis li r-rikorrenti jgħidu li s-sejħa biex jitressqu l-ilmenti kienet murija li tgħodd biss għal dawk li kienu diġa' rtiraw mis-Servizz Pubbliku[5], u għalhekk huma ma kinux ressqu l-ilment tagħhom dwar is-sejħa tal-mili

[1] Sejħa Nru. 61/2013 Dokti "A" u "B", f'paġġ. 14 – 6 tal-atti
[2] Dok "Ċ", f'paġġ. 21 – 3 tal-atti
[3] Dok "D", f'paġ. 26 tal-atti
[4] Dok "E", f'paġ. 27 tal-atti
[5] Dokti "SA1" u "SA2", f'paġġ. 54 – 8 tal-atti

tal-grad tal-2013, għalkemm jgħidu li ħaddieħor minn sħabhom ressaq l-ilment xorta waħda minkejja li kien għadu jservi fil-Korp[6];

Tqis li s-sejħa kienet estiża[7] u, aktar tard fl-2014, kienet reġgħet ħarġet it-tieni sejħa biex jitressqu l-ilmenti quddiem il-*Grievances Unit*[8];

Tqis li wħud mir-rikorrenti ressqu wkoll petizzjoni quddiem il-Kummissjoni intimata f'Mejju tal-2016, imma f'Lulju tal-2016 din bagħtet tgħarrafhom li l-petizzjoni tagħhom ma ntlaqgħetx;

Tqis li r-rikorrenti ma ngħatawx rimedju u bħalissa qegħdin jistennew l-eżitu ta' lment imressaq minnhom quddiem il-Bord tal-Pulizija;

Tqis li l-ħatriet fil-grad ta' surġent maġġur fil-Korp tal-Pulizija jsiru personalment minn u fid-diskrezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija bis-saħħa ta' delega ministerjali li tmur lura sa minn Jannar tal-1966[9] u tgħodd għal kull ħatra fil-Korp 'l isfel mill-grad ta' Spettur[10];

Tqis li l-Ministru intimat ma kellu l-ebda sehem mill-proċess tal-għażla mniedi mill-imsemmija sejħa;

Tqis li b'ittra legali tal-5 ta' Marzu, 2017[11], ir-rikorrenti bagħtu jitolbu lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Ministru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali biex jgħidilhom jekk fil-fatt hemmx il-ħsieb li tinħareġ sejħa ġdida għall-mili tal-grad ta' surġenti maġġuri mill-Korp;

Tqis li bħalissa hemm tnax-il (12) post battal fil-grad ta' surġent maġġur fil-Korp[12];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[13];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-

[6] Xhieda tar-rikorrent Alexander Schembri 29.3.2017
[7] Dok "SA3", f'paġġ. 59 – 60 tal-atti
[8] Dok "SA4", f'paġġ. 61 – 3 tal-atti
[9] Dok "JC", f'paġ. 53 tal-atti
[10] Xhieda tad-Deputat Kummissarju Mario Spiteri 29.3.2017
[11] Dok "Ġ", f'paġġ. 28 – 9 tal-atti
[12] Verbal tas-smigħ tad-29.3.2017
[13] Art. 873(1) tal-Kap 12

jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[14]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabbiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[15];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali[16]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, normalment, fi proċedura bħal din, il-Qorti ma tistħarriġx "eċċezzjonijiet preliminari" li l-parti intimata tqajjem biex iżżomm l-istħarriġ li jmissha tagħmel il-Qorti biex tara jekk għandhiex jew le tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[17];

Tqis li l-għan li kull proċess ta' għażla f'konkors għall-mili ta' postijiet, partikolarment dawk fis-settur tas-servizz pubbliku, għandu jkun li

[14] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[15] Art. 875(3) tal-Kap 12
[16] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[17] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

jitmexxa kif imiss, b'ħarsien tar-regolamenti u bla xaqlib ta' biżgħa jew favur lejn l-ebda awtorita' jew persuna. Dan, minnu nnifsu, huwa għan li jnissel il-jedd ta' kull min jikkonkorri f'sejħat bħal dawn;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrent huwa dak li ma jsir l-ebda proċess tal-għażla fil-mili fil-grad ta' surġenti maġġuri fil-Korp sakemm il-Bord tal-Pulizija jkun qies l-ilment li huma ressqu quddiemu. L-għaref difensur tagħhom argumenta li jekk kemm-il darba kellha ssir sejħa bħal dik f'dak il-grad, l-ilment tagħhom jinġieb fix-xejn, għaliex ħaddieħor jista' jingħata l-ħatra minflokhom u jaqbiżhom;

Tqis li r-rikorrenti jgħidu wkoll li l-jedd li huma jridu jħarsu jissejjes fuq il-fatt li diġa' nstab li l-proċess tal-ħatra mniedi fl-2013 kien milqut minn irregolaritajiet u ġab miegħu inġustizzja bi ħsara għalihom, bir-riżultat baqa' sal-lum mhux pubblikat u magħruf;

Tqis li t-tħassib tar-rikorrenti ma jissarrafx, waħdu, f'jedd li joħroġ mad-daqqa t'għajn. Fl-ewwel lok, ma huwa għaddej l-ebda proċess ta' sejħa tal-mili tal-grad. Mill-provi li r-rikorrenti nfushom ressqu quddiem din il-Qorti, ma ħareġ xejn li jsejjes il-jedd tagħhom mad-daqqa t'għajn biex jiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat. Fit-tieni lok, il-proċess tas-sejħa li minnha jilmentaw kien intemm qabel il-ħruġ tal-Mandat u għalhekk ma jistax isejjes jedd "*prima facie*"[18] biex jinħareġ il-Mandat minnhom issa mitlub. Fit-tielet lok, biex jista' jingħad li hemm jedd li jistħoqqlu l-ħarsien bil-ħruġ ta' Mandat bħal dan, huwa stabilit li ma "*jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt mhix kapaċi li tiġi dedotta in ġudizzju quddiem qorti*"[19]. F'dan ir-rigward, il-fatt li jinħareġ il-Mandat biss sakemm il-Bord tal-Pulizija jiddeċiedi l-ilment tar-rikorrenti ma jidhirx mad-daqqa ta' għajn li jista' jissarraf f'xi forma ta' azzjoni li l-istess rikorrenti jkunu jistgħu jniedu b'suċċess f'kawża quddiem xi qorti;

Tqis għalhekk, li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrenti ma wrewx li għandhom jedd li jistħoqqlu jitħares bil-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub, jew li jistgħu jitolbu l-ħruġ tal-imsemmi Mandat biex iħares dak il-jedd;

---

[18] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***
[19] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et***

Tqis li, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li ma ntweriex il-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti, ma huwiex il-każ li toqgħod tara jekk jirriżultawx ukoll l-elementi l-oħrajn mitluba mil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2013,** safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 6 ta' April, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**